31976R1526

L 169/56 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.6.1976

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1526/76

## tal-24 ta' Ġunju 1976

## li jirrigwarda l-importazzjoni ta' granza, ponot, jew residwi oħra li jiġu bl-għarbil, it-tħin jew b'xi xogħol ieħor fuq ċerti ċereali li jiġu mill-Marokk

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 113 tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u s-Saltna tal-Marokk u l-Ftehim Interim [2] fuq l-implimentazzjoni avvanzata ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ġew iffirmati fis-27 ta' April 1976;

Billi, taħt l-Artikolu 23 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u l-Artikolu 16 tal-Ftehim Interim, ladarba l-Marokk jintaxxa imposta speċjali fuq l-esportazzjoni ta' granza, ponot u residwi magħmula mill-għarbil, mit-tħin jew b'xi xogħol ieħor fuq ċereali, ħlief għall-qamħirrun jew ir-ross, li jaqgħu taħt is-sottointestatura 23.02 A II tat-Tariffi Doganali Komuni, il-komponent varjabbli ta' imposta ta' importazzjoni għandha titnaqqas b'ammont ekwivalenti ta' 60 % tal-medja tal-komponenti varjabbli tal-levies fuq il-prodott ikkonċernat għat-tlett xħur qabel ix-xahar li fih tali ammont huwa stabbilit u l-komponent fiss m'għandux jiġi impost;

Billi dan il-ħlas speċjali fuq l-esportazzjoni għandu jiġi rifless fil-prezz ta' importazzjoni ta' dawn il-prodotti fil-Komunità;

Billi, sabiex jiżgura li dawn il- Ftehim huma applikati kif suppost, għandhom jittieħdu miżuri li jġelgħu lill-importatur, fil-perjodu li l-granza, l-ponot u r-residwi l-oħra huma importati, sabiex iforni prova li l-imposta speċjali fuq l-esportazzjoni nġabret mill-Marokk;

Billi,in segwitu *inter alia* għall-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri rigward l-Artikolu 23 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u l-Artikolu 16 tal-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u s-Saltna tal-Marokk rigward l-importazzjoni fil-Komunità ta' granza u ponot li oriġinaw fil-Marokk [3], dawn il-Ftehim jinħtieġu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħhom,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-komponent varjabbli tal-imposta fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' granza, ponot u residwi magħmula mill-għarbil, mit-tħin jew b'xi xogħol ieħor fuq ċereali, għajr għall-qamħirrun jew għar-ross, li jaqgħu taħt is-sottointestatura 23.02 A. II tat-Tariffi Doganali Komuni li oriġinaw fil-Marokk għandha tkun dik ikkalkulata skond l-Artiklolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2744/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti pproċessati minn ċereali u mir-ross [4], nieqes l-ammont ekwivalenti ta' 60 % tal-medja ta' komponenti varjabbli ta' imposti fuq il-prodott in kwistjoni għat-tlett xhur qabel ix-xahar li fih tali ammont huwa stabbilit.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 1 għandu japplika għal kull importazzjoni li fir-rigward tagħha l-importatur jista' iforni prova li l-imposta speċjali fuq l-esportazzjoni ġiet imposta mill-Marokk skond l-Artikolu 23 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni jew ma' l-Artikolu 16 tal-Ftehim Interim.

---

[1] Opinjoni mogħtija fit-18 ta' Ġunju 1976 u għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 141, tat-28.5.1976, p. 98.

[3] Ara paġna 54 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[4] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 65.

*Artikolu 3*

Regoli ddetaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment rigward l-iffissar ta' l-ammont li bih l-imposta trid titnaqqas, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 359/67/KEE.

*Artikolu 4*

Il-komponent stabbilit ta' l-imposta fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' granza, ponot u residwi oħra magħmula mill-għarbil, mit-tħin jew b'xi xogħol ieħor fuq ċereali, għajr għall-qamħirrun jew għar-ross, li jaqgħu taħt is-sottotitlu 23.02 A. II ta' t-Tariffi Doganali Komuni li joriġinaw fil-Marokk ma għandhiex tkun imposta.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' tibdil ta' ittri relatati ma' l-Artikolu 23 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u l-Artikolu 16 tal-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u s-Saltna tal-Marokk rigward l-importazzjoni fil-Komunità ta' granza u ponot li joriġinaw fil-Marokk.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Ġunju 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. THORN